



Brussell, 9 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5756/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0411(NLE)

---

---

ECOFIN 97  
UEM 48  
FIN 143  
*ECB*  
*EIB*

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni  
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Litwanja

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

### **li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Litwanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mil-Litwanja fl-14 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-28 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni<sup>2</sup> (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta’ Novembru 2023<sup>3</sup>, tat-8 ta’ Ottubru 2024<sup>4</sup> u tal-20 ta’ Ġunju 2025<sup>5</sup>.
- (2) Fid-19 ta’ Diċembru 2025, il-Litwanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Litwanja ppreżentat RRP emendat.

***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mil-Litwanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 69 miżura jew submiżuri.

---

<sup>2</sup> Ara d-dokumenti ST 10477/21 u ST 10477/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>3</sup> Ara d-dokumenti ST 14637/23, ; ST 14637/23 COR 1 u ST 14637/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>4</sup> Ara d-dokumenti ST 13498/24 u ST 13498/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>5</sup> Ara d-dokumenti ST 9588/25 ST 9588/25 ADD 1 u; ST 9588/25 ADD 1 COR 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Litwanja spjegat li sitt submiżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna submiżuri A.1.1.7 (Ħolqien ta' Ċentru għal Terapiji Avvanzati), A.1.3.2 (Modernizzazzjoni taċ-ċentri tar-raggruppamenti tal-mard infettiv), C.1.4.5 (Ċentru ta' eċċellenza tal-ICT), D.1.4.1 (Pjattaforma Nazzjonali għall-Progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), E.1.2.2 (Żieda fid-domanda għall-innovazzjoni fil-Litwanja billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku) u G.1.2.2 (Żieda fil-kamp ta' applikazzjoni u d-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li dawk is-submiżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-Litwanja spjegat li tmien miżuri jew submiżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba kwistjonijiet mhux mistennija relatati mal-akkwist pubbliku jew relatati mad-domanda li hija aktar baxxa milli mistenni. Dan jikkonċerna l-miżuri jew is-submiżuri B.1.2 (Moviment mingħajr tniġġis tal-ambjent), B.1.2.2 (Appoġġ għax-xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet zero), B.1.2.3 (Installazzjoni ta' infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv), B.1.2.4 (Appoġġ għall-iżvilupp tas-settur tal-fjuwils RES (gass tal-bijometan, bijofjuwils likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu ekoloġiku), B.1.3.3 (Promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini), D.1.4.5 (Aktar opportunitajiet biex tinkiseb professjoni għall-istudenti tal-iskejjel), E.1.1.2 (Titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-universitajiet u tal-kulleġġi) u H.1.3.1 (Titjib tal-ambjent tal-investment għall-iżviluppaturi tal-RES). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li dawk il-miżuri jew is-submiżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Il-Litwanja spjegat li submiżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-atti legali tal-Unjoni. Dan jikkonċerna s-submiżura F.1.7.2 (Ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti kunsinni elettroniċi internazzjonali). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li dik is-submiżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Litwanja spjegat li sitt miżuri jew submiżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' dawk il- miżuri jew submiżuri . Dan jikkonċerna il-miżuri jew submiżuri B.1.1.1 (Passi preparatorji għall-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta), B.1.2.1 (Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa mis-settur pubbliku u min-negozji, u għall-mobbiltà sostenibbli), B.1.3.4 (Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini f'konformità ma' standards aġġornati ta' rinnovazzjoni tal-bini), C.1.3 (Servizzi orjentati lejn il-klijent), E.1.3.2 (Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq il-missjonijiet fi speċjalizzazzjoni intelliġenti) u H.1.2 (Appoġġ għax-xiri ta' vettura nadifa tal-ilma intern). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li dawk il-miżuri jew is-submiżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Il-Litwanja spjegat li 44 miżura jew submiżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' daww il-miżuri jew is-submiżuri. Dan jikkonċerna il-miżuri jew is-submiżuri A.1.1.8 (Hoġġien ta' ġabra rappreżentattiva ta' data dwar il-ġenoma ta' referenza fi ħdan il-proġett tas-saħħa "1+ Million Genomes"), A.1.1.9 (Stabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa), A.1.1.10 (Żvilupp ta' mudell ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa), A.1.1.11 (Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa), A.1.2.2 (Riżorsi umani u kapaċità tal-infrastruttura għall-forniment ta' servizzi tal-kura fit-tul), A.1.3.3 (Modernizzazzjoni ta' unitajiet mediċi ta' emerġenza, risuxxittazzjoni jew kura intensiva fi sptarijiet reġjonali), B.1.3.2 (Għodod biex jiġu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-assistenza teknika tar-rinnovazzjoni tal-bini), B.1.4 (Żamma u żieda tal-kapaċità ta' assorbiment tal-gassijiet serra), C1.1 (Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika), C.1.1.a (Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika — Żvilupp taċ-ċibersigurtà tal-istat), C.1.2 (Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-data u tad-data miftuħa), C.1.4.1 (Żvilupp ta' riżorsi teknoloġiċi tal-lingwa Litwana), C.1.4.2 (Diġitalizzazzjoni u aċċessibilità tar-riżorsi kulturali), C.1.5.1 (Pjan direzzjonali 5G), C.1.5.2 (Żvilupp ulterjuri ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna), C.1.5.3 (Innovazzjoni fil-mobbiltà), D.1.1.3 (Programm tal-Iskejjel tal-Millennju), D.1.1.4 (Tisħiħ tal-kompetenzi tal-persunal pedagoġiku), D.1.1.5 (Żvilupp tal-ekosistema STEAM), D.1.2 (Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti), D.1.4.3 (Apprendistat u apprendiment ibbażat fuq ix-xoġhol), D.1.4.4 (Programm ta' mobbiltà), E.1.2.3 (Trawwim tal-iżvilupp tal-ekosistema tan-negożji ġodda), E.1.2.4 (Promozzjoni tal-iżvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika), E.3.1 (Self lill-intrapriżi biex jiżviluppaw teknoloġiji ekoloġiċi u ta' valur miżjud għoli għall-iżvilupp industrijali),

E.1.3.3 (Inkoraġġiment tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE Orizzont Ewropa u programmi internazzjonali oħra ta' finanzjament), F.1.1.1 (Modernizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku), F.1.1.2 (Stabbiliment ta' sistema ta' taħriġ ċentralizzata għall-iżvilupp ta' kompetenzi fis-settur pubbliku), F.1.3.1 (Titjib fil-qafas baġitarju), F.1.4.4 (Kontribwenti futuri letterati finanzjarjament), F.1.4.5 (Aktar trasparenza fis-settur tal-kostruzzjoni), F.1.5 (Għodod disponibbli għan-negozji biex jimmaniġġjaw ir-riskju ta' insolvenza), F.1.6.1 (Introduzzjoni ta' għodod ġodda għall-analitika tad-data fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat), F.1.6.2 (Titjib tal-kwalità tad-data tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u ta' istituzzjonijiet oħra), F.1.6.5 (Għodod ġodda għall-analiżi tad-data u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT tad-Dwana), F.1.6.6 (Aktar kompetenza tal-persunal tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u tad-Dwana Litwana), F.1.8 (Post uniku biex jiġihallu l-multi), F.3.1 (Titjib tal-akkwist pubbliku ċentralizzat), F.3.2 (Kapitalizzazzjoni u reżiljenza finanzjarja tal-Istituzzjoni Promozzjonali Nazzjonali), G.1.1.1 (Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u l-bidliet relatati mal-leġiżlazzjoni), G.1.2.1 (Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operazzjonali tas-servizz tal-impjiegi, l-iżgurar tal-orjentazzjoni sistematika tal-klijenti), G.3.1.1 (Żieda fl-integrazzjoni tal-impjiegi, tas-servizzi soċjali u ta' servizzi oħra), H.1.1.1 (Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u tal-istandards ta' rinnovazzjoni tal-bini) u H.1.1.2 (Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini (fuq skala akbar)). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li dawk il-miżuri jew is-submiżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' erba' miżuri jew submiżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Litwanja talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid miżura ġdida waħda u biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri jew submiżuri. Dan jikkonċerna l-miżura ġdida B.1.6. (Trasparenza tal-informazzjoni dwar il-konnessjoni mal-grilja tal-elettriku) u ż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri jew submiżuri B.1.2 (Moviment mingħajr tniġġis tal-ambjent), F.1.3.5 (Konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-iżvilupp) u H.1.3.2 (Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti RES (enerġija solari). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

#### ***Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri***

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mil-Litwanja.

#### ***Valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Kontribut għall-oġġettivi tar-REPowerEU***

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-kriterju 2.12 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU għadu mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030, bl-ambizzjoni tas-submiżura H.1.3.2. (Appoġġ għall-konstruzzjoni tal-impjanti RES) tiżdied wara r-riallokazzjoni tar-riżorsi liberati korrispondenti.

### ***Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità***

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat fih miżuri jew submiżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri jew is-submiżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 38,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 99,3 % tal-kost totali stmati tal-miżuri jew submiżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (14) Wara l-emendi proposti mil-Litwanja għall-RRP, il-kontribut għall-objettivi klimatiċi żdied minn 37,4 % għal 38,2 %. Iż-żieda fil-kontribuzzjoni għall-objettivi klimatiċi tirrifletti l-aktar iż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni tas-submiżura F.1.3.5. (Konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-iżvilupp) li jikkontribwixxu 100 % għall-objettivi klimatiċi wara r-riallokazzjoni tar-riżorsi lliberati korrispondenti.

***Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali***

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri jew submiżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri jew submiżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23,4 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (16) Il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali tal-RRP emendat tiżdied minn ta' 22,1 % għal 23,4 %. Din iż-żieda hija xprunata l-aktar miż-żieda fis-submiżura B.1.1.2. (Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin individwali) li jikkontribwixxi għal 40 % għall-objettivi diġitali, u s-submiżuri B.1.3.2. (Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika) u C.1.4.5. (Ċentru ta' eċċellenza tal-ICT) li jikkontribwixxu b'100 % għall-objettivi diġitali.

### ***Kalkolu tal-kostijiet***

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-kostijiet stmati għall-investimenti riveduti turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli minkejja li l-evidenza turi gradi differenti ta' dettalji u ta' profondità tal-kalkoli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati huma ġġustifikati u proporzjonali u, bħala tali, ir-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawk l-istimi tal-kostijiet, u l-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni fejn applikabbli, ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

### ***Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni***

- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mil-Litwanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241.

***Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)***

- (19) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, il-Litwanja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Litwanja qieset li l-ebda proġett bħal dan kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li, wara valutazzjoni interna, ġie konkluż li tali proġetti jkunu appoġġati b'mod aktar xieraq permezz tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

***Valutazzjoni pożittiva***

- (20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>)

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (21) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Litwanja huwa ta' EUR 3 849 237 823. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Litwanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat tal-Litwanja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 2 297 565 464. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja għad-dispożizzjoni tal-Litwanja tibqa' l-istess.
- (22) L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għal-Litwanja jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241. Madankollu, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2024 dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-appoġġ mhux ripagabbli għal-Litwanja, adottata f'konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja tnaqqset b'EUR 8 733 750, u l-Litwanja ma tistax titlob l-iżborż tagħha mill-Kummissjoni.

### ***Self***

- (23) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal-Litwanja li jammonta għal EUR 1 551 672 358 jibqa' l-istess.

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (24) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (25) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat*

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għal-Litwanja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

*Artikolu 2*

*Emendi*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---